Dar u reġa' tela' 'l fuq.

Hanintu kienet qed tistennieh fil-bieb, għajnejha beżgħana. Malli ratu, qaltlu: "X'ġara?"

"U xejn," weġibha. "Ħadd hlief ċakkar ta' sajjied li tilef triqtu u fettillu jirrokka hawn."

Harstu mqita, għajnejh ebsin. B'idu l-waħda ħadilha idejha u bl-oħra ħaddanha minn qaddha, ġemmeb xofftejh ħdejn widnejha, u bil-ħlewwa kollha, qallha: "Ejja noħorġu ftit ħdejn is-sur; l-għeluq ta' hawn ġew qed idejjaqni.

Waslu qrib il-parapett baxx tas-sur, meta f'tebqa' ta' għajn Fra René baram idu l-waħda ma' qaddha u l-oħra għafasha b'kemm kellu ħila fuq ħalqha, għollieha fuq rasu bħalma kien għamel kemm-il darba meta waddab ħaġar u toqol ieħor fuq wild il-Qamar, waħħal siequ l-waħda ma' tarf il-parapett, ġibed nifs, u waddabha għal isfel.

Hanintu werżqet u wara ftit instama' ħoss maħnuq malwaqgħa tagħha fuq il-blat ta' taħt is-sur.

Fra René, jilheġ, waqaf iħares ċass lejn fejn niżlet titgerbeb ħanintu. Bla ma jaf, sidru strab min-nifs li taqqlu, moħħu ssaffa, stejqen, ta daqqtejn ta' ħarta fuq ħaddejh, għadda idejh għal darba tnejn fuq ilbiesu u l-armi, ċaqlaq ftit 'il hawn u 'l hinn geddumu, għorok idejh ma' xulxin, u bil-qajla l-qajla dar lura biex imur jilqa' lill-Gran Mastru sidu.

* * *

Żmien, żmien wara, Sant'Anġlu kellu kmandant ġdid, din id-darba wieħed Ingliż. Martu u hu żammew għalihom il-kmamar ta' fuq nett.

Fl-ewwel lejl li kellhom igħaddu flimkien hemm fuq, il-mara ħarġet ftit fuq is-sur biex tara l-port u l-Belt fid-dawl ta' qamar, għax kienet lejla ta' dawl ta' qamar mill-isbaħ.

Xi erba' passi 'l bogħod minnha rat xbejba, misluta misluta, b'xuxa sewda u twila mitluqa fuq spallitha, u mlibbsa b'ħarir abjad u iswed. L-Ingliża baqgħet ħalqha miftuħ u stagħġbet. Kif kienet ser tiftaħ ħalqha biex tkellimha, ix-xbejba dehret tinġibed lura lura, bħallikieku mġiegħla tabilfors, sakemm laħqet tarf is-sur u b'idejha ħerqana taħtaf tarf il-ħaġar. Għal waqt wieħed dehret li ser jirneexxilha ma tibqax nieżla għal isfel. Iżda għal xejn, għelbet, u minn isfel telgħet twerżiqa li tkessaħlek demmek.



L-Ingliża, dik il-lejla, ma setgħetx tagħlaq għajn ma' għajn bil-qatgħa li ħadet.

Żewġha ma kellux x'jagħżel. Ħtieġlu jneħħiha minn hemm Bagħatha l-Belt f'lukanda u tista' tgħid ma ħarġitx minn kamritha għal ġimagħtejn sħaħ. U fit-tmiem ta' dak iż-żmien, il-Forti kellha kmandant ieħor: din id-darba wieħed għażeb.

In-nies tal-Belt ma stagħġbux.

L-għassiesa ta' l-iswar ma ħamlitx li mara oħra tgħix fil-kmamar tal-ħakem tal-Forti Sant'Anġlu. Dawk xerqu u riedu lilha biss, u 'l ħadd aktar.

## NOVEMBRU

*Ta'* P. Mattew, Kappuċċin

Ġie Novembru, Malta tagħna,
Xahar ta' djieq, xahar tal-mejtin,
Mela r-raba' bil-lwien ħomor,
Kesa l-oqbra bil-pepprin.

Ifhem, Malta, x'irid igħidlek
Bil-peprin li nibet f'ħoġrok
F'kemm-il sena ġie u mar.

Irid igħidlek: "Omm ħanina,
Aħseb, ftakar f'dak id-demm
Ta' min miet biex jgħajjex lilek
Ta' min ħajtu għalik temm.

L-aħwa nsew lil dawn l-imsejkna
Billi demmhom ħassru ż-żmien,
Insew lilhom, lil qlubithom
Fit-taqbida ta' ħelsien.

Bħal erwieħ il-lum minsija
Qed jitolbu f'Għid l-Imwiet:
"Ftakru fina, ftakru fina".
Ftakar, Malta, f'dawn l-ulied.